KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

5/16

**Minuti tal-ħames laqgħa tas-sittax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 16 ta' Ġunju 2009, fil-5pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| Mistiedna: | Is-Sur Stephen Farrugia | - | Perit (MP&DC) |

1.0 <u>Item 1: Talba</u>

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

1.2 Is-Sindku qalet li din il-laqgħa mhux qed tkun irrekordjata peress li ma kienx hemm dawl.

2.0 <u>Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti</u>

2.1 Il-minuti tad-19 ta' Mejju 2009 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati.

3.0 <u>Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti</u>

3.1 Minuta 3.2.1: Fuq mistoqsija tas-Sur Formosa, is-Sindku qalet li l-Avukat tal-Kunsill għandu jkellem lis-Sur Anastasi eżatt wara li jiġi mis-safar.

3.2 Minuta 3.2.2: Is-Sur Camilleri staqsa għaliex iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani ingħata rigal meta l-Kunsill ma kienx mistieden. Is-Sur Formosa qal li s-soltu kienu jkunu mistiedna s-Sindku u hu bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Anzjani iżda din kienet l-ewwel sena li ma nħarġux inviti. Qal li hu kien mistieden permezz tat-telefon iżda ma marx. Qal ukoll li fl-attivita li saret f'Jannar il-Viċi Sindku, li kien qed jirrappreżenta lis-Sindku għax kienet imsiefra, tħalla jattendi l-attivita b'rispett tas-Sur Formosa.

Il-Kunsill iddikjara li jinsab iffastidjat ħafna b'dan l-atteġġjament aktar u aktar meta l-Kunsill qed iħallas il-kerha u t-trasport. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li jilmenta mad-Dipartiment tal-Anzjani.

Il-Kunsill innota wkoll li lanqas l-istitut Apap ma mexa sew mall-Kunsill għax ingħata appuntament jew konferma mil-llum għal-llum.

3.3 Minuta 6.2: Is-Sur Anastasi qal li hu ikkritika kemm-il darba l-operat tal-knis u qtugħ ta' ħaxix ħażin u anke n-nuqqas ta' sorveljanza mill-Contacts Manager. Qal ukoll li kemm –il darba talab sabiex iż-żewġ kuntratturi jiġu sospiżi. Imbagħad, is-Sur Anastasi ikkritika il-fatt li s-soft area ta' Triq it-Turretta kienet ilha żmien ma titnaddaf u l-Contracts Manager qatt ma ġibed l-attenzjoni.

Is-Sindku qalet li l-Kunsill m'għandux bażi fuq xiex jissospedihom. Hi qalet li skond ir-rapporti tal-field services unit, liema rapporti jitilgħu quddiem il-Parlament, ix-xogħol mhux daqshekk ħażin. Is-Sur Anastasi qal li r-rapport mhux qed jagħti stampa korretta. Is-Sur Formosa qal li mir-rapporti tal-Contracts Manager jidher ukoll li x-xogħol miexi tajjeb. Is-Sur Anastasi qal li r-rapporti tal-Contracts Manager ukoll mhux qed jirrifletti l-verita.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li tinħareġ default notice lill-kuntrattut tal-knis, il-ġardinar u lill-Contracts Manager.

3.4 Minuta 8.1: Is-Sur Bugeja staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk l-ilementi ippreżentati humiex l-ilmenti kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li minħabba difetti fis-sistema l-ġdida, il-Kunsill ġie ippreżentat bl-ilmenti li trid tittieħed deċiżjoni fuqhom mill-Kunsill. Għalhekk, l-imenti relatati ma entitajiet ġew mgħoddijja mill-ewwel permezz tas-sistema tal-email.

Is-Sur Camilleri talab li jkollu kopja tal-ilmenti tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hu ma jkunx jaf min għamel l-ilment u allura kopja tal-email għandha tintalab lill-iskrivani.

3.5 Minuta 9.1: Is-Sur Bugeja staqsa meta se tkun il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li d-deċiżjoni tal-Kunsill ma kienetx li ssir laqgħa imma li s-suġġett ikun diskuss mar-residenti. Għalhekk se jkun ippublikat avviż fir-rivista tal-Kunsill.

3.6 Minuta 10.1: Fuq mistoqsija tas-Sur Camilleri, is-Sindku qalet li l-kors ma sarx peress li kien hemm oġġezzjonijiet mill-Kunsill u issa qed jiġi reklamat kors mall-Fundazzjoni Richmound.

3.7 Minuta 11.6: Is-Sur Anastasi staqsa fiex waslet l-investigazzjoni tal-Pulizija. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li hemm mozzjoni fuq dan is-suġġett u allura l-materja se tkun diskussa aktar tard f'din il-laqgħa.

3.8 Is-Sindku talbet is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill ikun jista jitratta l-ewwel xogħol tal-ordnijiet tal-ġurnata. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

## 4.0 Item 10: Ordnijiet tal-Ġurnata

4.1 Ċentri Ċiviku (Perit Stephen Farrugia – MP&DC)

Waqt spjegazzjoni dettaljata, il-Perit Farrugia qal li l-Kunsill applika għal fondi ta' l-aċċessibilita u għal fondi speċjali għal dan il-proġett. Qal li peress li l-iskola ta' ħdejna se tagħlaq fl-2015, issa l-Kunsill irid jidentifika kif jista juża l-art ħalli issir talba / proposta ill-Gvern għad-devoluzzjoni tagħha. Qal ukoll li konxju mill-limitazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, il-Kunsill bilfors irid isib sieħeb strateġiku.

4.2 F'dan l-istadju (6:20pm) is-Sur Briffa daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

## 5.0 Item 4: Korrispomdenza

5.1 Il-Kunsill tratta din il-korrospondenza:

5.1.1 MEPA re: Statement of Funds. Is-Sindku irriferiet għall-korrispondenza mibdula bejn is-Segretarju Eżekuttiv u l-MEPA u qalet li l-flus allokati għall-bankina ta' Triq il-Brunżar huma approvati w imwarrba iżda l-bilanċ li fadal ġie meħud għall-proġetti tal-Gvern Ċentrali, minkejja li f'Jannar li għadda l-Onor Chris Said tenna li dawn il-flus għandhom ikunu immaniġjati mill-Kunsilli Lokali. Għalhekk, il-Kunsill qabel li jirriferi l-każ lill-Onor Chris Said.

5.1.2 St Venera Youth Nursery re: Sponsorship tazzi u medalji. Il-Kunsill qabel li jisponsorja l-istess daqs is-sena l-oħra.

Is-Sur Camilleri qal li hu xtaq jorganizza 'Vetrina Vendriża' f'Baystreet u talab għajnuna finanzjarja mill-Kunsill. Il-Kunsill talbu jgħaddi stima approssimattiva tal-ispiża.

5.1.3 ADT re: Traffic islands fi Triq il-Ferrovija, Triq il-Ħarrub u Triq il-Blata l-Kaħla. Il-Kunsill qabel li jaċċetta biss li l-ADT tneħħi t-traffic island ta' Triq il-Ferrivija ta' quddiem l-istabbiliment tal-għamara.

5.1.4 ADT re: No left turn fi Triq il-Kanun lejn Triq il-Parroċċa. Il-Kunsill innota li din diġa' ġiet rimedjata permezz tal-ħaddiema assenjati.

5.1.5 ADT: re: Parking for Light Vechiles Only ifo Muscat Flora. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni iżda innota li dan ix-xogħol irid isir mill-ADT.

5.1.6 ADT re: Double yellow line fi Triq Misraħ il-Barrieri. Il-Kunsill innota li din diġa' ġiet rimedjata permezz tal-ħaddiema assenjati.

5.1.7 ADT re: un/loading bay fi Triq il-Kanun. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni iżda innota li dan ix-xogħol irid isir mill-ADT.

5.1.8 ADT re: Parking facing building fi Triq il-Buttar. Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.

5.1.9 Adrian Grech re: Crane Triq it-Turretta. Il-Kunsill innota li ma kienux għaddew sitt xhur mid-deċiżjoni.

5.1.10 Ramon Francalanza re: Bollards fi Triq il-Kanun. Il-Kunsill qabel li jitratta dan il-każ fl-ewwel laqgħa li jkollu mall-Pulizija.

5.1.11 St Venera Lightnings FC re: użu ta' Ġnien Romeo Romano. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

5.1.12 Kumitat Festi Esterni re: Reklam fuq il-programm tal-festa. Il-Kunsill qabel.

## 6.0 Item 5: Mistoqsijiet

6.1 Qabel ma l-Kunsill tratta il-mistoqsijiet, is-Sur Anastasi ippreżenta mozzjoni b'urġenza dwar allegat diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu minħabba l-fatt li l-artiklu tiegħu ma kienx se jkun ippublikat fil-fuljett tal-Kunsill. Din il-mozzjoni ġiet sekondata mis-Sur Camilleri.

Is-Sindku qalet li fil-bidu hi kienet stiednet lill-Kunsillier biex jikteb xi artiklu pero l-artiklu tas-Sur Anastasi kien twil wisq u kien fih xi kontravenzjonijiet.

Minħabba li d-diskussjoni saħnet sew, f'dan l-istadju (7:20pm) is-Sindku issospendiet il-laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 7 ta' Lulju 2009 | Chairperson |